Dritt tat-trade mark tal-parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità:	Trade mark verbali internazzjonali MEMORY, Reġistrazzjoni Nru 393512; trade mark verbali Benelux MEMORY, Reġistrazzjoni Nru 38328; trade mark verbali Ġermaniża MEMORY, Reġistrazzjoni Nru 964625
Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:	Invalidità tat-trade mark Komunitarja kkonċernata
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni annullata

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Ravensburger AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tad-19 ta' Mejju 2010 – Nexus Europe (Ireland) vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-424/08)

"Klawżola ta' arbitraġġ — Il-ħames programm qafas għal azzjonijiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni — Proġett fuq it-tendenzi makroekonomiċi u urbani fis-soċjetà Ewropea tal-informazzjoni (Muteis) — Dannu li jirriżulta mit-tibdil ta' kuntratt fir-rigward tas-sistema ta' rimbors tal-ispejjeż inkorsi minn parteċipant fil-proġett"

Proċedura — Rikors għad-danni (Artikoli 225(1) KE, 235 KE, 238 KE u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 KE) (ara l-punti 60, 61)

Suġġett

Talba għall-kumpens għad-danni li r-rikorrenti allegatament subiet minħabba li l-Kummissjoni kisbet ċerti tibdiliet tal-kuntratt Muteis IST-2000-30117, konkluż fil-31 ta' Ottubru 2001.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Neux Europe (Ireland) Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) tad-19 ta' Mejju 2010 – Zeta Europe vs UASI (Superleggera)

(Kawża T-464/08)

"Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva Superleggera — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009] — Eżami ex officio tal-fatti — Artikolu 74 tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 76 tar-Regolament Nru 207/2009) — Obbligu ta' motivazzjoni — Artikolu 73 tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009)"